MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 502/2002/1

**Rosanna Rochester**

**vs**

**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-15 ta' Ottubru 2001 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil zewgha Kenneth Donald Rochester 111 li hu assenti minn dawn il-Gzejjer.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-28 ta' Marzu 1998 fil-parocca tal-Karmnu l-Balluta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u markat (Dok A).

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tifla li jisimha Keana Joy u ghandha sentejn u dan peress illi twieldet fit-22 ta’ Settembru 1999 (Dok B).

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta’ adulterju, theddid, sevizzi, mohqrija u ingurji gravi, b’mod li l-konvivenza bejniethom m’ ghadhiex aktar possibbli.

Illi ebda rikonciljazzjoni ma kienet possibbli.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghal din il-kawza skond id-digriet numru 1633/01 (Dok C) kif sussegwentement renovat (Dok D).

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid l-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba adulterju, theddid, sevizzi, mohqrija u ingurji gravi tal-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg taghhom tkisser b’mod irremedjabbli minhabba ragunijiet unikament imputabbli ghalih.

2. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Keana Joy.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri imsemmija manteniment kif jidhirlha xieraq din il-Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili billi tghid li l-konvenut tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess artikolu 48.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

6. Tillikwida din il-komunjoni ta’ l-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f’dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni u taqsamha f’zewg ishma, mhux bilfors indaqs, u tassenja

sehem lill-attrici u iehor lill-konvenut, b'rizerva ghal kwalunkwe ordni konnessa u ancillari li tista' taghti din il-Qorti.

7. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tar-rikors ta' l-attrici quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuti nomine li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 12 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati a fol 18 fejn gie eccepit:

Li huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw d-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 18 u 19 tal-process;

Rat il-verbal tal-31 ta' Ottubru 2002 fejn deher Dr Marco Ciliberti ghall-attur li ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza ghall-istess attrici, prezenti wkoll il-Kuratur Deputat Dr Mark Busuttil, inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 60 jum u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-8 t'April 2003.

Rat in-nota tal-attrici tat-30 ta' Dicembru 2002 fejn prezentat l-affidavit taghha stess (fol 24 sa 25).

Rat il-verbal tat-8 t'April 2003 fejn Dr Marco Ciliberti ddikjara li m'ghandux provi aktar u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Ii **l-attrici** xehdet permezz ta' affidavit ipprezentat fit-30 ta' Dicembru 2002 fejn fih sostniet illi:

*"1. Jiena zzewigt lil Kenneth Donald Rochester fit-28 ta' Marzu 1998 u minn Malta bqajna sejrin nghixu l-Amerika. Dak iz-zmien Kenneth kien fin-Navy pero' kien spicca minn dan l-impjieg ftit wara. Peress illi jiena kont qed inhossni 'homesick' u ridt nirritorna lejn Malta kont issuggerejtlu sabiex isib xoghol Malta. Nghid ukoll illi f'dak iz-zmien jiena kont tqila. Ahna fil-fatt gejna Malta, ghalkemm il-genituri tieghu, Ii kienu joqghodu l-Amerikca, kienu ta' spiss icemplulu sabiex immorru lura. F'Malta ahna konna noqghodu mal-genituri tieghi peress Ii zewgi ma ried jahdem xejn hlief Air Traffic Control. Peress illi ma sabx xoghol f'dan il-qasam huwa reghha rritorna l-Amerika, u dan xahrejn biss wara Ii twieldet it-tifla taghna. Nghid illi jiena dak iz-zmien ma ridtx nirritorna lejn l-Amerika ghaliex hu ma kellux xoghol hemmhekk. Jien kont disposta li mmur nghix mieghu l-Amerika meta hu jkun sab impjieg u meta jkun iddecieda Ii ma jibqax jghix flimkien mal-genituri tieghu.*

*2. Jien kont effetivament mort l-Amerika. F'dan iz-zmien konna ergajna qeghdin noqghodu mal-genituri tieghu, pero` wara erba' xhur jiena kont irritornajt Malta u ergajt ghidtlu Ii gabel isib xoghol u jkun hareg mid-dar tal-genituri tieghu ma kelliex intenzjoni nibqa' nghix gewwa l-Amerika. Izda jiena kont fil-fatt ergajt irritornajt l-Amerika fejn ghamilt xi xahar. Zewgi kien hostili lejja f'dan iz-zmien u dan barra l-fatt li huwa lanqas kien qieghed jorqod fid--dar tal-genituri tieghu fejn jiena kont qeghda, u dan barra Ii zewgi sa dan iz-zmien kellu mara ohra. Kien propju f'dan iz-zmien Ii zewgi beda jghid li kien sejjer jintavola proceduri ghal divorzju, kif fil-fatt ghamel.*

*3. Fi tlett snin li ghandha t-tifla, zewgi ma kellux kuntatt maghha ghal iktar minn sena, ovvjament ghaliex zewgi kien barra minn Malta ghal prattikament dan iz-zmien kollu. U dan minbarra l-fatt li zewgi qatt ma ha interess imantni ttifla, tant illi l-unika haga li rcevejt minghandu f'sentejn kienu Lm85.*

*4. Rigward l-komunjoni tal-akkwisti nghid illi din ma tikkonsisti f'xejn."*

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghas-separazzjoni bejn il-partijiet inkluzi l-hlas ta' manteniment u l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fost talbiet relatati. Illi dwar ir-responsabbilita` ghas-separazzjoni mitluba jirrizulta illi l-ewwel talba attrici tirrizulta ghar-ragunijet kollha hemm indikati, kif *di piu`* jidher mix-xhieda tal-attrici fuq riportata u dan fis-sens li jidher li l-konvenut naqas li jmantni lill-istess attrici u lill-bintu, u wkoll naqas li jistabbilixxi dar ghall-istess kontendenti u fl-ahharnett jidher li kellu wkoll relazzjoni adultera. B'konsegwenza ta' dan kollu jidher li l-ewwel talba ghandha tigi milqugha u wkoll kawza tal-agir tal-konvenut m'hemmx dubju li z-zwieg tkisser irremmedjabbilment.

Illi dwar it-tieni talba tal-attrici ghall-kura u kustodja ta' bintha minuri Keana Joy, din ghandha tintlaqa' bla ebda dritt t'access lill-konvenut li mill-provi ma jirrizultax li huwa pprova jzomm xi kuntatt mal-istess, apparti li dejjem naqas li jmantniha. Illi tali talba eventwali li tista' ssir mill-konvenut ghall-access ghandha tiehu dan in konsiderazzjoni kif ukoll li r-residenza tal-istess minuri hija f'dan il-pajjiz.

Illi dwar it-tielet talba tal-attrici ghall-manteniment, filwaqt li l-Qorti tirriafferma li l-attrici ghandha tali dritt ghaliha u ghall-bintha, pero` ma tistax tasal ghall-kundanna hlas u/jew fissazzjoni ta' alimenti peress li ma jirrizultax li l-konvenut huwa mpjegat bi qliegh jew ghandu xi ntrojtu, tant li provi dwar dan huma ghal kollox nieqsa.

Illi dwar ir-raba' talba attrici jidher li din ukoll ghandha tigi milqgha bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 u 51 tal-Kap 16**.

Illi konsegwentement ghall-pronunzjament tas-separazzjoni ghandha tigi dikjarata xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u mill-provi prodotti ma jidhirx li hemm bzonn li l-istess kommunjoni tigi likwidata peress li ma kien hemm xejn ta' valur fl-istess kommunjoni.

Illi dwar is-seba’ talba jidher li l-konvenut ghazel li jghix fl-Istati Uniti w allura s-seba’ talba wkoll ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jistghu ikunu nkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba adulterju, theddid, sevizzi, mohqrija u ingurji gravi tal-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg taghhom tkisser b’mod irremedjabbli minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

2. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Keana Joy minghajr dritt t’access lill-konvenut.

3. Tastjeni mill-tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri rata ta’ manteniment, stante li ghalkemm l-attrici u bintha ghandhom tali dritt, mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi mezzi, ntrojtu, jew impjieg.

4. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** u tikkonferma li l-konvenut minhabba l-agir tieghu tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess **artikolu 48**.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mit-2 ta’ Mejju 2002.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba sabiex din il-Qorti tillikwida din il-komunjoni ta’ l-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f’dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni u taqsamha f’zewg ishma, mhux bilfors indaqs, u tassenja sehem lill-attrici u iehor lill-konvenut, b’rizerva ghal kwalunkwe ordni konnessa u ancillari li tista’

taghti din il-Qorti, stante li mill-provi jirrizulta li l-istess kommunjoni ma kienet tikkonsisti fl-ebda oggett ta’ valur w allura m’hemm xejn x’jigi likwidat u diviz.

7. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tar-rikors ta’ l-attrici quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut assenti b’dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**